Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 629/1973/1

**Francis Said**

**v.**

**Joseph Gatt u b'digriet tat-3 ta' Gunju 1994 gie kjamat in kawza r-Registratur tal-Qorti.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata fis-17 ta’ Lulju 1973, quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc tal-Maesta` Taghha r-Regina, l-attur ippremetta li huwa kien inkariga permezz ta’ martu Enoe, lill-konvenut sabiex jindura katina tad-deheb antika tal-Granspinat, liema inkarigu kien gie accettat mill-konvenut; illi fl-ezekuzzjoni ta’ dana l-inkarigu l-konvenut minhabba nuqqas ta’ diligenza, traskuragini fl-arti u professjoni tieghu u imperizja fl-istess ikkaguna dannu konsiderevoli fl-istess katina, tant li dina giet konsenjata lill-attur disintegrata u mkissra f’hafna bicciet kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni li gew kagunati fl-istess katina tal-attur waqt li dina kienet fdata f’idejh sabiex jesegwixxi l-imsemmi inkarigu, minhabba nuqqas ta’ diligenza, traskuragini fl-arti jew professjoni jew arti tieghu jew imperizja fl-istess, f’kaz ta’ bzonn per opera ta’ periti nominandi;

2) ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tillikwida dawn id-danni hekk kagunati lill-attur per opera ta’ l-istess periti;

3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dika s-somma li tigi hekk likwidata kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-2 ta’ Novembru, 1973 il-konvenut eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-katina in kwistjoni kienet diga` fi stat danneggjat, u ghalkemm l-eccipjent ghamel dak kollu li seta’ biex isalvaha xorta ma rnexxilux.

Il-kjamat in kawza, ir-**Registratur tal-Qorti**, eccepixxa:-

1) Illi huwa m’ghandux *locus standi* fil-kawza stante li qatt ma jista’ jigi kkundannat fuq it-talbiet ta’ l-attur;

2) Illi huwa ha kura debita tal-barbazzall in kwistjoni bhala depozitarju u *bonus paterfamilias* u ghaldaqstant ma jirrispondix ghad-danni rizultanti mis-serq ta’ l-istess.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili li, fil-frattemp issuccediet ghall-Qorti tal-Kummerc, iddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2003, meta wara li ddikjarat it-talbiet tal-attur, fil-konfront tal-kjamat fil-kawza bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement insostenibbli, ghaddiet biex, previa ir-rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt, laqghet l-ewwel talba attrici limitatament billi qalet hekk: "*tiddikjara lill-konvenut* <u>*parzjalment*</u> *responsabbli ghall-hsara kagunata fil-Granspinat minhabba nuqqas ta' diligenza fl-arti tieghu;*" filwaqt li chadet it-tieni u t-tielet talba attrici minhabba nuqqas ta' provi. Finalment ordnat li l-ispejjez ghandhom jigu ripartiti bil-mod segwenti: "*dawk relattivi ghall-*<u>*ewwel talba*</u> *ghandhom ikunu kollha a kariku tal-konvenut; dawk relattivi ghat-*<u>*tieni u ghat-tielet talba*</u> *ghandhom ikunu bla taxxa, bid-dritt tar-registru relattivi jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet; u dawk relattivi ghal* <u>*kjamat fil-kawza*</u> *jibqghu kollha a kariku tal-atturi.*" [<u>recte</u>: attur].

Ikun utili hawn, ghall-ahjar intendiment tal-kawza, li ilha sejra tlieta u tletin sena, li jigu riprodotti verbatim il-kostatazzjonijiet ta' fatt li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha fir-rigward tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat in kawza.

"**Kwadru tal-fatti**

"Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi din il-kawza tirrigwarda Granspinat antik li Enoe Said, mart l-attur, kienet irceviet minghand huha fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha. Irrizulta li dan il-Granspinat kien ilu zmien twil fil-familja ta' mart l-attur. Enoe Said spjegat li darba, t-tifel taghha, li dak iz-zmien kien ghadu zghir hafna, telaq jigri bih f'idejh bir-rizultat li l-Granspinat inqasam f'zewg postijiet. Konsegwentement hija kienet haditu ghand argentier u dana kien sewwiehulha; izda t-tiswija ma kienetx ghas-sodisfazzjon taghha stante li fejn

issewwa, il-Granspinat kien kulur differenti mill-kumplament u hasset li ma kienx sura li jintlibes hekk.

“Ghaldaqstant hija hadet il-Granspinat ghand il-konvenut sabiex jindurah u jgibu kulur wiehed. Waqt li l-konvenut kien qed jezaminah, huwa kien irrimarkalha li x-xoghol maghmul precedentement ma kien[x] skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk Enoe Said qaltlu li jekk huwa kien jaf b’xi hadd li setgha jirrangahulha hija kienet lesta li tirrangah. Il-konvenut accetta.

“Illi meta l-Granspinat kien ghand il-konvenut, hadem fuqu certu Charles Cassar, wiehed mill-impjegati l-aktar anzjan fix-xoghol, tal-konvenut, li spjega li fil-postijiet fejn kien imgongi l-Granspinat dan kien “*off position*” u ghalhekk huwa rega’ hall ix-xoghol li kien sar u rega’ ssaldah biex jigi unit. Sussegwentement, dan il-Granspinat tpogga ghall-induratura go kimika preparata mill-konvenut.

“Illi sussegwentement Enoe Said kienet marret kemm il-darba ghand il-konvenut biex jaghtiha lura l-Granspinat, izda l-impjegati kienu jghidulha li ma kienx ghadu lest. Konsegwentement hija baghtet lil missierha, Abele Calleja, sabiex jigbru minghand il-konvenut. Dan Abele Calleja spjega li, wara li kien mar ghalih diversi drabi “*il-konvenut gabu fil-kaxxa, fethu quddiem il-lavrant tieghu u quddiemi, u l-lavrant qabdu bil-pinzetta u qallu ‘Hawn rega’ inqata’. Dak inhar stess inqata xi tlett bicciet.*”[1] Il-lavrant rega’ poggieh fil-kaxxa u l-konvenut qal lil Abele biex jerga’ jhallihulu ftit iehor. Xi gimghatejn wara, dan rega’ mar ghall-Granspinat, izda dak inhar li taghhulu kien maghluq fil-kaxxa u l-konvenut ma fethux.

“Illi sussegwentement meta Enoe Said marret ghalih id-dar ta’ missierha, hija rrimarkat illi mid-dehra kien gie sabieh, izda kif hargitu mill-kaxxa u kienet ser tilbsu il-Granspinat inqata’ u waqa’ mal-art u sakemm gabbret il-bicca li waqghet rega’ inqasam. Fix-xhieda taghha, Enoe Said spjegat li meta marret ghand il-konvenut biex titolbu spjegazzjoni, kien hemm il-lavrant u qallha li dak kien

[1] Fol. 35

immermer u kien antik. Enoe Said irrimarkat li qabel ma kienet ikkonsenjatulhom ghall-induratura hija kienet libsitu kemm il-darba. Di fatti fix-xhieda korroborata taghha, hija qalet li qabel ma kienet haditu ghand il-konvenut, il-Granspinat kien[et] tilbsu f'xi okkazzjonijiet.

"Illi peress li l-konvenut ma tahiex spjegazzjoni ghala l-Granspinat kien spicca f'dak l-istat, hija haditu ghand missierha li minn naha tieghu hadu ghand argentier iehor, Tarcisio Giordano, sabiex jurihulu u spjegalu x'kien gara; izda fi kliem Abele Calleja "*Ghand Giordano hadtu biex nurihulu biss. Giordano ipprova biex jirrangah. Zammu ghandu xi jumejn tlieta, u wara qalli li hu mahruq u li ma jissewwiex. Qalli li xi hadd tah imbjankiment zejjed u harquh*"[2]

"Fix-xhieda tieghu l-imsemmi Tarcisio Giordano[3] spjega li meta Abele kien urih il-Granspinat fil-kaxxa, hekk kif dana hargu mill-kaxxa biex jurihulu, il-Granspinat "beda jinqata' u inqata xi hames darbiet". Huwa qal lil Abele Calleja li l-Granspinat kellu kulu[r] qawwi u li jekk jirnexxilu naqqadulu ma jkunx jista' jintlibes hlief biex jitqieghed fil-vetrina peress li kien imgharri hafna. Wara li t-tifel tieghu Arthur Giordano ghaqqad il-Granspinat, huwa tefghuh fl-imbjankament biex jibjad, u wara li lahalhu tefghu fis-serratura biex jinxef. Kif sussegwentement il-Granspinat ittella mis-serratura, il-Granspinat reggha inqasam. Tarcisio Giordano qal li l-Granspinat kien ta' 18 il-karat.

"Illi sussegwentement l-attur u martu Enoe marru d-dar tal-konvenut sabiex jesigu spjegazzjoni u anki jipprovaw jirrangaw mieghu, izda l-konvenut qallhom li dak kien babsu xi hadd iehor u ma kellux x'jirranga maghhom; bir-rizultat li gew istitwiti l-proceduri odjerni.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi f'dan il-kaz inghataw zewg verzjonijiet opposti. Dik ta' Enoe Said, korroborata mix-xhieda ta' membri tal-familja taghha, li sostniet li meta l-Granspinat ngieb minghand il-

---
[2] Fol. 36
[3] Fol. 37 et se.

konvenut, beda jinqasam u kompla jinqasam; u dik tal-konvenut, korroborata mill-impjegati tieghu, li meta huwa rritorna l-Granspinat dana kien fi stat tajjeb u kien shih, tant li skond il-verzjoni tal-konvenut u tal-impjegati tieghu, qabel ma rritorna l-Granspinat lil Abele Calleja, huwa kien hargu minn gol kaxxa u estendih minn tarf sa tarf, u kien sussegwentement li kkonsenjah lil Abele.

“Illi kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta, fil-kaz

“**Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**”[4] “*Il-konflitti fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda mill-verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta’ kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc ta’ probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn f’kawzi civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*”

“F’dan l-istadju huwa opportun ukoll li jigi rivelat li fit-23 ta’ Ottubru 1973 din il-Qorti kienet innominat lil Avukat Dottor Lino Agius [illum Imhallef] bhala perit legali, u fit-12 ta’ Frar 1974 kienet innomina lill-Paul Cassar bhala Perit Tekniku biex jassistih. Illi, ghalkemm dawn l-esperti gudizzjarju semghu diversi xhieda, u ghalkemm il-perit tekniku kien ezamina l-Granspinat li sa dak iz-zmien kien qed jigi mizmum fil-kustodja tal-Perit Legali, hadd minnhom ma iffinalizza l-inkarku tieghu, ghax fil-mori Dr Lino Agius gie elevat ghall-gudikatura u Paul Cassar miet qabel ma rrediga r-rapport mill-aspett tekniku. Ghaldaqstant din il-Qorti hija privata mill-beneficcju ta’ opinjoni teknika moghtija minn espert nominat minnha.

“Illi fil-mori tal-kawza, u peress li l-Perit Legali ma kiex ser ikompli bl-inkarigu tieghu, huwa kkonsenja kaxxa li fiha kien hemm il-Granspinat lir-Registratur tal-Qorti, dak iz-zmien Lino Grech, sabiex ipoggih f’safe tal-Qorti.

[4] MCC 24 ta’ Novembru 1996 – citata fil-kawza PA[PS] **Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta vs Francis Difesa** 28 ta’ Mejju 2003.

“Illi sussegwentement, ghal habta ta’ Jannar 1994, meta l-Granspinat kien ghadu hekk mizmum mir-Registratur tal-Qorti, kienet saret serqa minn gol-Qorti u s-safe fejn kien mizmum il-Granspinat kien gie sgassat, u il-Granspinat insteraq flimkien ma oggett iehor tad-deheb li kien esebit fi process kriminali.[5] Bir-rizltat li l-oggett formanti l-bazi tal-kontestazzjoni odjerna ma baqax disponibbli ghall-Qorti li ghalhekk giet privata minn kull opportunita` li tinnomina espert biex jezaminah materjalment.

**“Kondizzjoni tal-Granspinat esebit**

“Illi in vista tal-premess, l-unici elementi ta’ prova estranei, dwar l-istat tal-Granspinat meta nfethet il-kawza huma l-Onor. Imhallef Lino Agius li principalment xehed dwar l-istat li kien fih il-Granspinat meta kien fil-pussess tieghu, u dwar id-diskussjonijiet li kellu ma’ l-espert, illum mejjet, Paul Cassar; kif ukoll Frank Agius li kien ra parti mill-Granspinat u li xehed f’din il-kawza kemm quddiem il-Periti kif ukoll quddiem din il-Qorti.[6]

“Illi fid-deposizzjonijiet tieghu l-Imhallef Agius spjega li, meta il-Granspinat gie fil-pussess tieghu, bhala wiehed mill-periti, dan kien go kaxxa tal-plastic bil-wicc trasparenti: “*Il-barbazzal kien diga’ imqatta u maqsum f’diversi bicciet …….. meta beda ghaddej iz-zmien u kont ingibu l-Qorti meta kien ikollna seduta, bit-trasport biss kien diga’ tant brittle li kienu dejjem jitkisser gol-kaxxa stess. Gieli ftahnieh, anke minhabba li ried jezaminah l-espert li kelli mieghi …. niftakar li darba fethu u kien missu b’idejh u xi bicca regghet inkissret.”*[7]

“Dwar id-diskussjonijiet li l-istess Perit Legali kellu mal-Perit Tekniku, ix-xhud qal hekk: “*niftakar [lil Perit Tekniku] jghidli li kienet gratlu hsara konsiderevoli fis-sens li prattikament lanqas valur ta’ deheb ma kien ghad fadallu ghaliex kien inharaq litteralment …. niftakru jghidli li kien qalli li ma jiswiex sitt habbiet dan il-barbazzal.*”[8] Ix-xhud

[5] Deposizzjoni Lino Grech – fol.189 *et seq.*
[6] Vide deposizzjoni: 25.04.73 fol 23; u 11.06.03 fol.334 et seq; u 7.05.2003 fol.372 et seq.
[7] Fol. 294
[8] Fol. 295

qal ukoll li meta kien ikkonsenjah lir-Registratur tal-Qorti, "*niftakar li kien hemm diversi bicciet zghar u anke kwazi frak gol kaxxa. Jien kont issiggillajtha bis-selo tape biex kemm jista' jkun ma niccansjax u johrog u kont ikkonsenjajtu lis-sur Lino Grech*."[9]

"Illi x-xhud Frank Agius, filwaqt li jikkonferma dan l-istat li kien fih il-barbazzall meta gie ezebit, ta spjegazzjoni ta' x'seta gara biex dan gie ridott ghal dak l-istat.

"F'dan l-istadju pero` il-Qorti tikkonsidra opportun li tirrileva li, ghalkemm dan ix-xhud ma kienx gie formalment nominat bhala espert, mill-provi jirrizulta (1) li dana huwa estranew ghall-incident in ezami, 2) kien ghamel zmien twil Konslu for Goldsmiths and Silversmiths fil-Monte di Pieta` u (3) fil-25 ta' April 1973 l-attur u martu kienu hadulu parti mill-barbazzall biex juruhulu. Fi kliem iehor, dan huwa l-unika persuna tas-sengha li mhijiex involuta fil-kaz u li kienet rat l-oggett fi zmien wara izda vicin l-incident, u ghalhekk il-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta 'provi ahjar disponibbli, thoss li ghandha taghti piz lill-kontenut tad-deposizzjoni ta' dan ix-xhud.

"Illi dan ix-xhud spjega li fil-25 ta' April 1973 l-attur u martu kienu marru ghandu fil-kwalita` tieghu fuq indikata u kienu wrreh Granspinat li x-xhud gharaf bhala dak esebit.[10] Dan kien f'seba' bicciet, u x-xhud kien hareg polza li huwa gharaf bhala dik esebita fil-Qorti. F'dan l-istadju il-Qorti tosserva li, ghalkemm ix-xhud qal li biex ikun mija fil-mija cert li dak li gie muri fil-Qorti kien l-istess wiehed, huwa kellu jiznu, izda din il-Qorti fuq bazi ta' probabbilita` u fil-qafas tal-kumpless tal-provi taccetta li l-barbazzall li intwera lix-xhud kien l-istess wiehed li kien gie muri lilu mill-attur u martu.

"Inoltre fid-deposizzjonijiet tieghu[11] quddiem din il-Qorti, Frank Agius spjega dwar l-istat tal-Granspinat "*illi kif taqbadha f'idejk tibda, pup, tinkiser qisek ghandek*

[9] Fol. 294
[10] Deposizzjoni 26 ta' Marzu 1976 Fol.23
[11] Fol.334 et seq; u 372 et seq.

*spagetti"*[12]. Kien f'bicciet, u kien jidher li dan ghadda minn stress qawwi fis-sens li dana deher li xi hadd tah treatment permess ta' kimika li mhux suppost tah. Mill-forma tal-qanpiena setgha' jikkonstata li kien tal-erbatax [14] il-karat. Din kienet cara u vizibbli.

"Illi Frank Agius spjega d-differenza bejn Granspinat li jkun ta' 14 il-karat u dak li jkun 18 il-karat, u spjega l-importanza li ghandha tinghata lil dan il-fattur meta l-oggett jkun ser jitqieghed fil-kimika, fis-sens li jekk l-oggett tad-deheb ikun ta' 18 il-karat u thalltu bil-kimika l-effett tieghu jkun illi jiekol fis-superficju tieghu biss u jhalli "*a layer of pure gold*" li stante li jkun fih deheb 18 il-karat jibqa' b'sahhtu; filwaqt li jekk taghti l-istess tahlita lil oggett tad-deheb li jkun ta' 14 il-karat, u allura jkun fih izjed aloy u anqas deheb, il-kimika tippenetra fih u tikol dak l-aloy li jkun hemm fl-intern bir-rizultat li l-oggett, li f'dan il-kaz huwa Granspinat, jitlef is-sahha tieghu u jibda jinkiser bicciet. Dan [j]applika izjed meta l-Granspinat ikun antik bhala dak in disamina."

Dan stabbilit l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghmel l-osservazzjonijiet taghha sew fir-rigward tar-responsabbilita` ghall-akkadut sew fir-rigward ta' dak li jikkoncerna it-tieni u t-tielet talbiet attrici. Finalment ghaddiet biex ikkunsidrat l-posizzjoni tal-kjamat in kawza.

**Dwar responsabbilita`**

Dwar responsabbilita` l-ewwel Qorti osservat li l-logika tal-fatti taghti aktar kredibilita` lit-tezi ta' l-atturi billi rrizulta li meta Enoe Said ikkonsenjat il-Granspinat lill-konvenut, dan kien shih u kien jintlibes, u beda jinqasam wara li gie trattat mill-istess konvenut. B'dana kollu l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li, gialadarba Abele Calleja, missier l-attrici, kien accetta li Tarcisio Giordano jipprova jsewwi l-istess barbazzall wara li dan ittiehed minn ghand il-konvenut, dan il-fatt jimmilita favur il-konvenut ghal dak li jirrigwarda grad ta' responsabbilita`. Infatti rrizulta li

[12] Fol. 338

ghalkemm il-barbazzall kien qed jinqasam bicca bicca minhabba x-xogholijiet ezegwiti fuqu mill-konvenut, dan kien rega' hadem fuqu u tah trattament meta kien taht l-impressjoni li dan il-barbazzall kien ta' 18-il karat filwaqt li dan kien ta' 14-il karat. Konsegwenza ta' dan il-granspinat spicca disintegrat. Il-Qorti izda osservat li a tenur ta' l-Artikolu 1050 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-attur kien intitolat li jagixxi kontra l-konvenut billi ma setax jigi determinat il-proporzjon ta' kull wiehed minnhom fil-kawza tal-hsara u dana bid-dritt ta' rivalsa tal-konvenut kontra l-istess Giordano.

**Dwar il-valur.**

Wara li ezaminat il-provi fir-rigward, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma rrizultax b'mod sodisfacenti l-valur tal-granspinat, sew minn dak li qal Frank Agius, li kien ezaminah originarjament, sew minhabba is-silenzju f'dan ir-rigward min-naha ta' l-attur jew familjari tieghu. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti stqarret li it-talbiet dwar il-likwidazzjoni, u kundanna ghall-hlas, tad-danni rizultanti ma setghux jigu milqugha.

**Dwar il-kjamat in kawza.**

Fir-rigward tal-posizzjoni tar-Registratur tal-Qorti f'dawn il-proceduri l-ewwel Qorti rriteniet li gialadarba irrizulta li l-granspinat kien gia` danneggat u ta' ebda valur meta gie kkonsenjat lill-istess Registratur, dan ma jistax jinzamm responsabbli ghad-danni billi dawn ma gewx kkawzati minnu. Inoltre dik il-Qorti rriteniet li l-istess Registratur kien agixxa bhala *bonus pater familias* meta kkonserva dak li gie konsenjat lilu fis-safe tal-Qorti.

Minn din is-sentenza gie intavolat appell principali mill-attur kif ukoll appell incidentali mill-konvenut.

**L-appell ta' l-attur.**

B'rikors intavolat fid-19 ta' Novembru 2003 l-attur talab li din il-Qorti "*joghgobha tirriforma s-sentenza appellata bili filwaqt li tikkonferma dik il-parti taghha fejn ddikjarat lill-*

*konvenut parzjalment responsabbli tirriforma s-sentenza appellata bili, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat, tilqa' t-talbiet tal-appellant kif dedotti fic-citazzjoni billi tiddikjara lill-konvenut Joseph Gatt totalment responsabbli ghad-danni li gew kagunati fil-katina tad-deheb antika tal-granspinat u sussegwentement tillikwida d-danni hekk kagonati u tikkundanna lill-konvenut appellat ihallas is-somma hekk likwidata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat Gatt.*"

**L-appell incidentali tal-konvenut Joseph Gatt.**

Il-konvenut Joseph Gatt ukoll hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u filwaqt li talab li l-appell ta' l-attur jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu, talab ukoll, permezz ta' appell incidentali li "*din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell incidentali, tvarja s-sentenza appellata billi tirrevoka, thassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza in kwantu ddikjarat lill-esponent Joseph Gatt* <u>*parzjalment*</u> *responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-granspinat minhabba nuqqas ta' dligenza fl-arti tieghu u akkollatu bil-hlas ta' l-ispejjez ta' l-ewwel talba u spejjez tat-tieni u tat-tielet talba, bid-dritt tar-registru jinqasam ugwalment, u minflok tichad it-talbiet kollha attrici fil-konfront tieghu, bl-ispejjez kollha kontra l-attur, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-talbiet attrici ghal-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tad-danni.*"

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

L-attur ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn kienu fis-sens li:-

a) L-Artikolu 1050 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta gie applikat hazin mill-ewwel Qorti.

b) Huwa ressaq provi sodisfacjenti ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti.

**L-Artikolu 1050**

Qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti applikat hazin dak li jipprovdi l-artikolu citata meta fil-parti dispositiva tas-sentenza rriteniet li l-konvenut kien biss parzjalment responsabbli ghad-danni. Dan jinghad ghaliex, wara li l-Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu imsemmi, kellha necessarjament issib responsabbilita` totali tal-konvenut bid-dritt ta' rivalsa ta' dan kontra terzi persuni li setghu ikkontribwew ghad-dannu.

L-Artikolu 1050 jghid li "Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista` tigi stabbilita`, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn."

Da parti tieghu l-konvenut Gatt qed isostni li dan l-artikolu ma huwiex rilevanti ghal kaz sottoezami billi huwa ma ghamel ebda hsara u kkonsenja l-barbazzall fi stat tajjeb.

Ezaminati l-provi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti u cioe` li l-konvenut kien responsabbli, almenu in parti, ghad-danni kagunati hija wahda korretta. Infatti logikament wiehed ghandu jikkonkludi li Abele Calleja seta' biss ha l-granspinat ghand Tarcisio Giordano, wara li kien hadu minghand il-konvenut, ghaliex l-istess barbazzall ma kienx imsewwi tajjeb – altrimenti ma kienx jkun hemm raguni il-ghala l-istess barbazzall jittiehed ghand argentier iehor. Inoltre jirriuzlta li meta dan il-barbazzall ittiehed minghand il-konvenut u gie ezaminat dan beda jinqasam f'bicciet. Certament dan mhux indikattiv ta' tiswijja tajba.

Huwa minnu li fuq il-granspinat saru xogholijiet ohra minn Tarcisio Giordano u jidher li dan, anke minhabba l-fatt li rritjena li l-barbazzall kien ta' 18 il-karat u mhux ta' 14 il-karat, seta' ikkontribwixxa ghad-deterjorament ta' l-istess barbazzall. Dan izda ma huwiex parti in kawza u din il-

Qort mhux tenuta li tispartixxi r-responsabbilita` bejnu u l-konvenut.

Fl-assenza ta' opinjoni ta' espert tekniku l-ewwel Qorti ma setghetx tasal biex taqsam ir-responsabbilita` bejn il-konvenut u Tarcisio Giordano u konsegwentement, gialadarba l-proceduri ttiehdu biss kontra l-konvenut, li certament kien responsabbli, l-istess Qorti kienet fid-dmir, a tenur ta' l-Artikolu 1050 li tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli ghad-danni fil-granspinat bir-riserva lill-konvenut li jagixxi kontra kull terza persuna li seta' kellha responsabbilita`. Dan senjatament billi l-istess konvenut naqas li jipprevalixxi ruhu mid-dritt moghti lilu mis-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 1050 meta naqas li jitlob il-kjamat in kawza ta' Tarcisio Giordano biex l-ewwel Qorti tkun tista' tapporzjona r-responsabbilita` bejniethom.

F'dan is-sens jidher li dan l-aggravju huwa gustifikat u s-sentenza appellata ser tigi riformata biex jirrifletti dan.

**Dwar il-likwidazzjoni tad-danni.**

L-ewwel Qorti cahdet it-tieni u tielet talbiet attrici u cioe` dawk koncernanti l-likwidazzjoni u kundanna hlas tad-danni spettanti lill-atturi fuq l-assenza ta' prova konkreta fir-rigward. Izda din il-Qorti, ezaminati l-atti, hija tal-fehma li dak li gie rapportat li xehed Frank Agius dwar il-valur ta' dan il-granspinat u cioe` li dan ma kontx tixtrieh b'inqas minn elfejn u hames mitt lira, ghandu valur probatorju, partikolarment meta l-istess Qorti ddikjarat li "*dan huwa l-uniku persuna tas-sengha li mhijiex involuta fil-kaz u li kienet rat l-oggett fi zmien wara izda vicin l-incident*" u kompliet billi qalet "*u ghalhekk il-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' provi ahjar disponibbli, thoss li ghandha taghti piz lill-kontenut tad-deposizzjoni ta' dan ix-xhud.*" Din il-Qorti, rinfaccjata b'din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti u tenut kont li l-istess Frank Agius kien persuna kompetenti u imparzjali, tant li kien ghamel zmien twil bhala l-Konslu tal-Goldsmiths and Silversmiths tal-Monte di Pieta`, hija sorpriza kif l-ewwel Qorti naqset milli tillikwida kumpens ghad-dannu soffert mill-atturi bhala rizultat tal-hsara kagunata fl-istess barbazzall. Fic-

cirkostanzi hawn fuq imsemmija, u anke minhabba l-fatt li dawn il-proceduri jisthoqqilhom li jkollhom xi ezitu wara tlieta u tletin sena li ilhom li gew istitwiti, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2,500).

**Ikkunsidrat.**

L-appell incidentali jittratta dwar is-sejba ta' responsabbilita` tal-konvenut ghad-danni kagunati fil-granspinat billi qed jigi sottomess li l-fatti juru li effettivament meta dan l-barbazzall ittiehed minn ghand il-konvenut kien jinstab fi stat tajjeb. Biss din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li inghad aktar 'l fuq u filwaqt li terga' tiddikjara li taqbel mal-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, ma ghandha xejn aktar x'izzid fir-rigward.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi fl-ewwel lok tichad l-appell incidentali tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu; tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu rriteniet li fil-konfront tal-kjamat in kawza t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok tilqa' l-appell principali ta' l-attur inkwantu, fl-ewwel lok, il-konvenut Joseph Gatt qed jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kollha li gew kagunati lill-attur u dan a tenur ta' l-Artikolu 1050 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'rizerva lill-konvenut ghal kull dritt ta' rivalsa kontra terzi persuni; tilqa' ukoll dan l-appell inkwantu dan jirrigwarda it-tieni u t-tielet talbiet attrici billi tillikwida l-kumpens dovut lill-attur ghad-danni sofferti minnu minhabba l-hsara li giet kagunata lill-granspinat hawn fuq imsemmi fis-somma ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2,500) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Tirrevoka wkoll is-sentenza appellata fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez u tordna li l-ispejjez tal-prim istanza u dawk ta' dan l-appell jigu sopportati kollha mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------